



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-12 ta' Ġunju 2018

### Jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni interistituzzjonali aħjar fir-rigward tar-rieżaminar tal-liġijiet, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, is-sistema tal-Kummissjoni Ewropea għar-rieżaminar tal-liġijiet tipparaguna tajjeb, kumplessivament, ma' sistemi oħra ekwivalenti fl-Istati Membri. Skont l-awdituri, ir-rieżaminar *ex post* ta' kwalità għolja huwa kruċjali għall-kwalità tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huma jidentifikaw għadd ta' dgħufijiet li fil-biċċa l-kbira huma relatati man-nuqqas ta' definizzjonijiet komuni fil-livell interistituzzjonali dwar il-klawsoli ta' rieżaminar, it-trattament mhux ċar ta' ċerti tipi ta' rieżaminar, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza tal-programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

Ir-rieżaminar tal-leġiżlazzjoni, wara li din tkun daħlet fis-seħħ, huwa parti ewlenija mill-politika tal-Kummissjoni Ewropea għal "Regolamentazzjoni Aħjar". Regolamentazzjoni Aħjar tfisser li l-politiki u l-liġijiet jitfasslu b'mod li jkunu jistgħu jilħqu l-oġettivi prinċipali tagħhom, biex b'hekk jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi jibbażaw l-għażliet tagħhom fuq l-evidenza. Hija mod ta' fiidma li mistenni jiżgura li d-deċiżjonijiet politiċi jitħejjew b'mod miftuħ u trasparenti, ikunu infurmati mill-aħjar evidenza disponibbli u appoġġati mill-involviment komprensiv tal-partijiet ikkonċernati. Hija tkopri ċ-ċiklu kollu tal-politika, mit-tfassil u t-tħejjija tal-politika, l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni (inkluż l-infurzar), sal-evalwazzjoni u r-reviżjoni.

L-awdituri eżaminaw jekk is-sistema tal-UE għar-rieżaminar kinitx ġiet ippjanata tajjeb, kif ukoll jekk ġietx implimentata u mmaniġġjata sew, u jekk twettaqx kontroll tal-kwalità sodisfaċenti. B'mod ġenerali, huma kkonkludew li s-sistema attwali tal-Kummissjoni għar-rieżaminar tipparaguna tajjeb mas-sitwazzjoni fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Is-sistema għar-rieżaminar tal-evalwazzjonijiet hija mfassla u mmaniġġjata tajjeb, u jsirilha kontroll tal-kwalità rigoruż. Iżda tipi oħra ta' rieżaminar mhumiex suġġetti għall-istess standards stretti tal-kontroll tal-kwalità, minkejja l-fatt li n-natura, id-durata u l-ispiża tax-xogħol sottostanti jistgħu jkunu simili għal dawk tal-evalwazzjonijiet.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).*

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

*“Dan ir-rieżaminar jgħin lil dawk li jfasslu l-liġijiet sabiex jifhmu l-impatti, in-nuqqasijiet u l-vantaġġi ta’ politika jew ta’ regolament,” qal Henri Grethen, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. “Għalhekk, huwa essenzjali li jsir sew.”*

Skont l-awdituri, il-klawsoli ta’ rieżaminar u ta’ monitoraġġ jintużaw b’mod estensiv, għalkemm in-nuqqas ta’ definizzjonijiet u linji gwida komuni fost l-istituzzjonijiet tal-UE jfisser li l-kontenut u l-outputs mistennija tagħhom mhux dejjem ikunu ċari. Minkejja dan, il-preżenza tagħhom f’testi legali żdiedet fi snin reċenti. F’bosta każijiet fejn ma kienx hemm klawsola ta’ rieżaminar inkluża, din inżdiedet matul il-proċess leġislativ. L-awdituri jqisu li dan huwa pass pożittiv.

L-awdituri eżaminaw ukoll il-programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), li għandu l-għan li jelimina l-burokrazija żejda u jnaqqas l-ispejjeż, mingħajr ma jikkomprometti l-oġettivi tal-politika. Huma sabu li l-loġika wara l-programm REFIT, u l-kriterji li huwa japplika, mhumiex ċari.

L-awdituri jagħmlu bosta rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni, li wħud minnhom jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp u t-tisħiħ uterjuri tas-sistema tal-UE għall-kooperazzjoni komuni fil-livell interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Istati Membri.

### **Noti lill-Edituri**

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta’ spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tagħna għaċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2018 “Rieżaminar *ex post* tal-leġislażzjoni tal-UE: sistema stabbilita tajjeb, iżda mhux kompleta” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE.